

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 706/2010

tal-5 ta' Awwissu 2010

li jikkoreġi l-verżjonijiet bl-Ispanjol, bil-Franċiż, bil-Portugiż u bir-Rumen tar-Regolament (KE) Nru 891/2009 li jiftaħ u jipprovdni għall-amministrazzjoni ta' ċerti kwoti tariffarji tal-Komunità fis-settur taz-zokkor

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikoli 143, 144(1), 148, 156 u 188(2), flimkien mal-Artikolu 4 tiegħu,

Billi:

- (1) Jidher li hemm żball fil-verżjonijiet bil-lingwa Spanjola, Franċiża u Rumena tat-test tal-Artikolu 13(4) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 891/2009 ⁽²⁾. Barra minn hekk, jidher li hemm żball fil-verżjoni Portugiża tal-Parti I tal-Anness I għal dak ir-Regolament.

- (2) Ir-Regolament (KE) Nru 891/2009 għandu għalhekk jiġi kkorreġut skont dan.

- (3) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Jikkonċerna biss il-verżjonijiet bil-lingwa Spanjola, Franċiża, Portugiża u Rumena.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-5 ta' Awwissu 2010.

Għall-Kummissjoni

Il-President

José Manuel BARROSO

⁽¹⁾ ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 254, 26.9.2009, p. 82.